

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 63(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' evalwazzjoni fuq in-natura inġusta tal-azzjoni għal revoka;
- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-użu ġenwin tat-trade mark.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2021 – Balaban vs EUIPO (Stahlwerk)**(Kawża T-705/21)**

(2022/C 37/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrent:* Okan Balaban (Bornheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schaaf, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Stahlwerk" – Applikazzjoni Nru 18 235 592*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 77/2021-1**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tat-18 ta' Novembru 2020 li tiċħad l-applikazzjoni bin-numru 18 235 592 kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad parzjalment l-applikazzjoni, u tordna lill-konvenut jirreġistra t-trade mark għall-prodotti u għas-servizzi kollha indikati fl-applikazzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2021 – Balaban vs EUIPO (Stahlwerkstatt)**(Kawża T-706/21)**

(2022/C 37/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrent:* Okan Balaban (Bornheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schaaf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Stahlwerkstatt” – Applikazzjoni Nru 18 219 170

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 1987/2020-1

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tirriformula d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-konvenut tas-27 ta' Awwissu 2020 kif ukoll id-deċiżjoni kkontesata, u tordna lill-konvenut jirreġistra t-trade mark għal servizzi ta' edukazzjoni u ta' struzzjoni fil-klassi 41;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 – Cellnex Telecom u Retevisión I vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-715/21)

(2022/C 37/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cellnex Telecom, SA (Madrid, Spanja) u Retevisión I, SA (Madrid) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra; A. Lamadrid de Pablo u N. Bayón Fernández, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli u tilqa' l-motivi għal annullament invokati fir-rikorsi tagħhom;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 (C 23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009) mogħtija minn Spanja għall-estensjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati (minbarra f'Castilla La Mancha) ⁽¹⁾;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur manifest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE u ksur tad-drittijiet proċedurali mogħtija mid-dritt tal-Unjoni lill-partijiet interessati.